**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622 / 2168 0606**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEBSITE: www.mqabba.gov.mt / www.lc.gov.mt**

Minuti tal-laqgħa numru disgħa w erbgħin (49) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 3 ta' Novembru 2015, fis-6:45pm fil-Bini Amministrattiv tal-KLM.

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Charlene Zammit | Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Deputat Sindku |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Michel Farrugia | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |
| Skużat: | Anita Farrugia | Kunsillier |

1. Is-Sindku, Charlene Zammit ippresediet is-seduta u qalet it-talba tal-bidu. Hija nfurmat lil dawk preżenti illi Anita Farrugia ma' setgħetx tkun magħna u talbet li tkun skużata, kif fil-fatt sar.

2. Il-minuti tas-seduta preċedenti bdew jinqraw punt, punt, mis-SE u wkoll jiġu emendati mis-Sindku, d-deputat Sindku u l-kunsillieri bl-emendi kollha li xtaqu. Madankollu dawn ma kienux moqrija kollha u għalhekk mhux approvati u ffirmati, l-laqgħa ntemmet ħesrem mingħajr quorum, peress li żewġ kunsillieri kellhom jiġu skużati minħabba ċirkustanzi li ma kellhomx kontroll fuqhom.

**Punti mill-Minuti**

3. Intalbet il-laqgħa mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-Perit tal-Kunsill dwar l-asfaltar ta' Triq George Martin u l-bini tal-ġibjun fi Triq Ġanni Darmanin.

4. Kien deċiż illi l-*bollard* tan-naħa t'isfel fi Triq San Mikiel titneħħa minn fuq il-post u tingħalaq il-bokka tagħha wara diskussjoni fit-tul dwarha għaliex ir-residenti qed iqaċċtu il-katnazz kull darba. Kien ikkunsidrat jekk għandniex inpoġġu *cctv camera* fuqha u jekk fuq kollox għandiex tinqala' dik tan-naħa ta' fuq ukoll.

5. Kienet imsemmija l-laqgħa li kellna mas-surmast il-ġdid, li l-minuti tagħha kienu pprovduti lill-kunsillieri mis-SE flimkien mal-agenda ta' din il-laqgħa u l-minuti.

6. Dwar l-applikazzjoni *stl* tal-Korporazzjoni Enemalta biex tiġi kkonnettjata l-lampa l-ġdida ta' Triq il-Friefet, is-Sindku qalet li din irċevewha propju nhar il-Ħamis li għadda. Is-SE qal illi kull applikazzjoni ddum għaliex il-firmatarju tagħha huwa propju l-kuntrattur tad-dwal tat-toroq u mhux sempliċiment xi skrivan mill-uffiċċju. Madankollu se nibqgħu insegwu l-każ ma' din il-korporazzjoni, filwaqt lis-Sindku se tinsisti mar-Reġjun Nofsinhar sabiex jerġa' joħroġ il-kuntratt tad-dwal tat-toroq li ilu magħluq is-snin. Charlene Zammit qalet illi għal allegat ħmieġ fi Triq il-Friefet, hija marret tara u ma sabet xejn. Paul Spiteri u Grace Marie Mallia qalu illi qed ikun hawn ħafna ilmenti dwar l-indafa u kien deċiż illi tintbgħat ittra lill-kuntrattur sabiex ma jibdiex jiknes qabel is-7:00am.

7. Charlene Zammit qalet li reġgħu daħlu lment illi kibru l-qasab fi Triq il-Franka. Hija qalet illi ma jistax ikun li l-KLM jibda' jnaddaf il-*plots* kollha tan-nies, minkejja dak li seħħ fi Triq Mons Alfons Caruana. Hija qalet li dan kien eċċezzjoni u mhux in-norma.

8. Paul Spiteri lmenta illi s-servizz tat-trasport pubbliku mhux adekwat speċjalment fil-għodu fejn qed jgħaddu l-karozzi tas-6:00am li jkunu sejrin mil-Qrendi għal Belt mimlija u jħallu n-nies fuq il-*bus stops.* Hawn intqal illi dik il-vettura partikulari tista' tiġi mibdula ma waħda akbar. Dwar dan se nikkomunikaw ma' Transport Malta.

9. Issemmew ukoll mirja imkissrin fi Triq tas-Sejba u fanali ma jixgħelux f'din it-triq, filwaqt li ntqal illi trid titnaddaf il-mera li hemm f'Misrah il-Fidwa propju quddiem ir-residenza *White Lily.*

10. Charlene Zammit qrat il-kopja tar-risposta tal-Avukat Ġenerali bid-data tad-9 ta' Ottubru, u qalet lis-SE jerġa jikteb dwarha għaliex mhux qed niftehmu dwar is-suġġett.

11. Għall-attivita' Biss bil-Ħila, Grace Marie Mallia qalet illi din ma kienetx tajba mill-att ta' attendenza filwaqt li s-Sindku qalet illi din l-attivita' ħaditilha ħafna enerġija u fl-aħħar mumenti kellna nagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tat-tiben tal-kukkanja, tal-ġarr tagħha, tal-abbulanza, r-rigali tal-kukkanja u l-karozzin. Hija qalet illi sabet sponsor mill-*Buz Dov* dwar il-ġarr tat-tiben. Grace Marie Mallia qalet illi *stalls* ma kienx hawn biżżejjed u hemm bżonn li niktbu u ma' nħallsux il-kont ta' *2 Minds Events* minkejja li dan se jibqa' responsabbli għall-ispejjeż tas-*sound.* Infatti l-KLM qabel b'mod unanimu, li tant ma kienx sodisfatt bis-servizz ta' *2 Minds Events*, illi mhux se jħallas. Is-Sindku sostniet illi l-palk kien maqtugħ mill-kumplament tal-'event' billi ma' kinex jidher mit-toroq prinċipali li jagħtu għal Pjazza. Grace Marie Mallia ma qablitx u qalet illi l-fatt li ma kienx hemm kantant/i tajbin ikkontribwixxa għal attendenza miżera; tant illi meta kien hemm kantanta tajba Mqabbija fuq il-palk, in-nies żdiedu.

12. Dwar l-applikazzjoni għas-sena d-dieħla tal-attivita' kulturali, is-Sindku qalet illi hemm bżonn inlaqqgħu lis-soċjetajiet u l-każini ħalli timtela' l-applikazzjoni bl-involviment tagħhom. Għaldaqstant kien deċiż illi niltaqgħu magħhom nhar it-Tlieta li ġejjin fis-6:30pm. Michel Farrugia saħaq sabiex l-attivita' kulturali tas-sena d-dieħla ssir fil-għaxija għaliex tkun isbaħ u t-tema prinċipali tkun dik tal-ġebla – l-identita' tar-raħal.

13. Issemmew it-toqob tal-festa ta' Triq il-Madonna tal-Ġilju, għaliex hemm minnhom li huma perikolużi.

*14.* Grace Marie Mallia qalet li hemm bżonn li titwessa' biċċa bankina fi Triq Valletta viċin Triq San Bażilju. Charlene Zammit qalet li diġa' marret mal-kuntrattur fuq il-post li minn naħa tiegħu infurmaha li trid taplika mal-MEPA għax se jinbidel l-*alignment.* Għaldaqstant se ninfurmaw il-Perit biex japplika mal-MEPA permezz ta' *Development Notice Order.*

15. Issemma' wkoll saqqu li kien mitfuħ fi Triq Ħal Kirkop 'l isfel minn Kola Mallia.

16. Issemma' wkoll il-bżonn li pulizija jibdew jinfurzaw il-liġi fuq vetturi li qed ikunu pparkjati ħażin fi Triq Valletta fuq il-*yellow lines.*

*17.* Issemmiet ukoll il-*bay* safra li ma fihiex id-*disabled sign* viċin is-salib tal-Pjazza. Charlene Zammit qalet li rridu nivverifikaw jekk din u *parking bays* oħrajn *designated* għad-*disabled* għandhomx permess għad-*disabled parking*.

18. Il-KLM abbanduna l-laqgħa mingħajr *quorum* fit-8:45pm u se jiltaqa' nhar is-17 ta' Novembru fl-istess ħin.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*16/11/2015 minn:* | **Dr Charlene Zammit**<br>**Sindku** |